MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 855/2001/1

**Avviz numru 855/01DM**

**Amca Limited**

**Vs**

**Marthese Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal- konvenuta, sabiex thallas is-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u tletin Lira Maltin (Lm1,837) liema somma tirrapresenta, in kwantu ghas-somma ta' Lm 1,766 'stock' ta' merkanzija li instabet nieqsa mill-hanut 'Mother & Child' meta dan il-hanut kien unikament taht ir-responsabbilita' u tmexxija tal-konvenuta li dak iz-zmien kienet impjegata tas-socjeta' attrici, in kwantu ghas-somma ta' Lm 42.31 bhala prezz ta' merkanzija mixtri mill-

konvenuta minghand is-socjeta' attrici, liema somma hija ma halsitx, in kwantu ghas-somma ta' Lm14.00 ghall-flus li nstabu nieqsin mill-'Cash Register' fil-25 ta' Mejju, 2001 waqt li l-konvenuta kienet qed tahdem fil-hanut imsemmi, u in kwantu ghal Lm5.00 ghall-'gift voucher' li nstab nieqes mill-'ELC Voucher Book' u dana meta l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghal dawn il-'vouchers'.
Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (Lm15.00), ta' ittra ufficjali tal-…… ta' Awissu, 2001 kontra l-istess konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenuta fejn eccipiet illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hija m'hijiex responsabbli ghall-ebda nuqqasijiet fl-istock ta' merkanzija fil-hanut 'Mother & Child' kif ukoll m'hijiex responsabbli ghar-rifusjoni tal-flejjes l-ohra kollha pretizi fl-istess avviz ta' Amca Limited ;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat ir-risposta tas-socjeta attrici pprezentata fit-8 ta' Gunju 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Kemm mid-deposizzjoni ta' Marlene Mizzi direttrici tal-kumpanija attrici u kemm mid-deposizzjoni tal-konvenuta Marthese Falzon, jirrizulta illi l-hanut tal-kumpanija attrici bl-isem "Mother & Child" f'St. Paul's Street, Rabat, kien jitmexxa mill-konvenuta li kienet responsabbli ghall-ftuh u l-eghluq, ghall-bejgh tal-merkanzija, ghall-flus kontanti u ghall-istock. Kienet ukoll hi fil-pussess tac-cwievet.

Ma tirrizultax kontestazzjoni dwar l-ammont ta' tnejn u erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm42.31) dovut bhala prezz ta' merkanzija mixtrija mill-konvenuta u mhux imhallas, waqt li dwar l-erbatax-il lira (Lm14) nieqsin mill-'cash register' jirrizulta illi ttiehdu mill-konvenuta u billi ma pproduciet ebda prova sudisfacenti li rrifondiet din is-somma lill-kumpanija attrici, hi ghanda titqies li ghada responsabbli ghal tali nuqqas.

Il-prova prodotta li l-hlas tal-erbatax-il lira Maltin (Lm14.00) sar lil Norma Mercieca, li m'ghaddiethomx lill-atturi, fin-nuqqas ta' xi prova ndikattiva li din kienet awtorizzata li tigbor krediti tal-atturi minghajr ma l-konvenuta ezigietx ircevuta ufficjali mahruga mill-atturi, ma tezentax li l-konvenuta mir-rifuzjoni ta' l-istess somma lill-kumpanija attrici.

Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' hames liri Maltin (Lm5.00) valur ta' 'gift vouchers' nieqsin, fin-nuqqas tal-prova rikjesta bil-prezentata tal-'voucher book' il-Qorti ssib illi f'dan ir-rigward il-pretensjoni attrici ma tirrizultax ippruvata.

Izda l-kontestazzjoni principali tal-konvenuta tirrigwarda l-ammont ta' elf, seba' mija, sitta u sittin lira Maltin (Lm1,766.00) li l-atturi jippretendu li l-konvenuta ghandha thallas bhala valur ta' merkanzija li nstabet nieqsa wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-konvenuta fil-25 ta' Mejju, 2001.

Bhala prova l-atturi jistriehu fuq id-deposizzjoni ta' Marlene Mizzi li ssostni li meta vverifikat li 'stock' xi granet wara li tkecciet il-konvenuta sabet diskrepanzi serji minn dak li suppost halliet il-konvenuta fil-25 ta' Mejju, 2001.

Infatti l-konvenuta ma tikkontestax illi l-inventarju a fol. 18 huwa lista dettaljata ta' l-istokk illi hija halliet fil-hanut fil-25 ta' Mejju, 2001.

Ghalkemm il-konvenuta ghamlet diversi accenni ghall-possibilita' li Marlene Mizzi, direttrici, setghet hadet 'stock' minn zmien ghal zmien mill-hanut in kwistjoni ghal xi

hwienet ohra minghajr ma rregistrat dan l-'stock', fl-ahhar nett, l-istess konvenuta accettat li almenu dak li seta' gie mehud wara Frar, 2001, kien gie rregistrat minnha stess u li l-inventarju a fol. 18 kien jindika l-ammont ta' 'stock' li halliet fil-hanut jew almenu li suppost kellu jinstab fil-hanut.

In kontro-ezami fis-seduta tal-31 ta' Dicembru, 2003, il-konvenuta xehedet hekk:
*Dak l-'stock taking' konna naghmluh darba fis-sena u l-lista ta' l-'stock' ma kienetx tibqa' f'idejja, izda kull meta jien kont nibghat xi oggett jew nipprepara xi oggetti ghal Mrs Mizzi, jiena meta kien jigi l-'stock list' f'idejja kont ningassa ta' dak l-'stock' li kont intiha.*

*Il-ktieb kien ikun ghandi cioe' il-lista ta' l-'istock' kienet tkun ghandi u allura meta kien ikun hemm xi kaz li fix-Xitwa Mrs Mizzi kienet tibghat ghal xi 'stock' mill-hanut tar-Rabat, jiena kien ikolli l-opportunita' li ningassa dawk l-oggetti illi tkun hadet.*

*Ghalkemm diversi mill-'stock' tax-Xitwa sa Mejju meta tlaqt jien kien gie ppakkjat u mehud fil-hanut tal-Belt,* ***l-'stock' li kien ghad hemm fil-hanut huwa dak kollu li hemm indikat f'dak l-'stock list' illi qed nara a fol.18 tal-process.***

***Dak l-'stock list' jirrispetta l-'stock' li kelli fil-post ta' Mejju, 2001.*** *Il-hwejjeg tax-Xitwa sa Mejju kont diga' ippakkjajthom jien go 'bags' u hadithom Mrs Mizzi l-Belt*.

Il-konvenuta ma offriet ebda spjegazzjoni ghaliex l-atturi wara t-terminazzjoni tal-impjieg taghha sabu n-nuqqasijiet elenkati fid-dokument hamsa (5) a fol. 16 tal-process, ghalkemm ir-riferenzi taghha ghall-'stock' li kienet tiehu Mrs Mizzi jistghu jigu nterpretati fis-sens li Mrs Mizzi naqqset l-'stock' hija stess minghajr registrazzjoni fl-istess jiem li fihom ghamlet l-inventarju biex tiskopri x-setghet halliet il-konvenuta.

Huwa veru li hija l-kelma tal-konvenuta kontra dik ta' Marlene Mizzi, izda fil-kamp civili a differenza mill-kamp

kriminali huwa bizzejjed li l-Qorti taccetta verzjoni u mhux l-ohra fuq analizi biss ta’ dak li jkun iktar probabbli.

F’dan il-kaz stante li jirrizulta sew li l-konvenuta kienet risponsabbli ghall-kontenut tal-hanut, u ghalhekk ghan-nuqqasijiet kollha, kien jispetta lilha li titlob ricevuta ghall-‘stock’ li halliet fit-terminazzjoni tal-impjieg biex tezimi ruhha mir-responsabbilita’.

Oltre dan billi *ex admissis* il-konvenuta diga’ kienet iffalsifikat dokumenti u approprijat ruhha minn flus tal-atturi minghajr awtorizzazzjoni, ssib illi l-verzjoni ta’ Marlene Mizzi hi l-unika wahda accettabbli u konsegwentement issib lill–konvenuta hija unikament risponsabbli ghan-nuqqasijiet riskontrati u konsegwentement trid taghmel tajjeb ghall-valur tal-oggetti nieqsa fis-somma ta’ elf, seba’ mija, sitta u sittin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,777.30).

Ghaldaqstant, u ghal dawn il-mottivi, filwaqt li l-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ it-talbiet attrici limitatament billi, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, tikkunndanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ elf, tmien mija, tnejn u tletin lira Maltin (Lm1,832).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------